

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 46/2014****tal-20 ta' Jannar 2014****li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) u 8a(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Il-Kunsill iqis li r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuna waħda kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandhom jiġu emendati.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għaldaqstant għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

<sup>(1)</sup> REGULAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 134, 20.05.2006, p. 1).

## ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, l-entrata Nru 210 hija sostitwita minn din li ġejja:

	"Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
210.	Ternavsky, Anatoly Andreevich  (Ternavski, Anatoli Andrievich  Ternavskiy,  Anatoly  Andreyevich)	ТЕРНАВСКИЙ, Анатолий Андреевич	ТЕРНАВСКИЙ, Анатолий, Андреевич	Data tat-twelid: 1950  PtT: Donetsk, Ukraina	<p>Persuna qrib membri tal-familja tal-President Lukashenka. Il-kumpanija tiegħu Uninvest-M hija dikjarata bħala msieħba tal-Klabb tal-Isports tal-President, u sa Mejju 2011 kienet timpjega ħtint il-President.</p> <p>Huwa jipprovi appoġġ għar-reġim, partikolarment finanzjarment, permezz ta' pagamenti mill-kumpanija Uninvest-M lill-Ministeru tal-Affarijiet Interni, lill-Kumpanija (Statali) Bjelorusa tat-Televiżjoni u Radju, u lit-trejdjunjon tal-kamra tar-rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali.</p> <p>Huwa jibbenefika mir-reġim permezz ta' attivitajiet ta' negozju fuq skala kbira fil-Bjelorussja. Il-kumpanija Uninvest-M hija l-proprjetarja ta' kumpanija sussidjarja, FLCC, li hija operatur ewlieni fis-setturi taż-żejt u tal-idrocarburi, anke bi proġetti dikjarati li 'saħħu r-relazzjonijiet ta' sħubija bejn il-Bjelorussja, il-Federazzjoni Russa, il-Każakstan u l-Ukraina'. Il-kumpanija Uninvest-M hija wkoll waħda mill-akbar kumpaniji għall-iżvilupp/tal-proprjetà fil-Bjelorussja. Attivitajiet ta' negozju fuq tali skala ma jkunux possibbli fil-Bjelorussja mingħajr l-approvazzjoni tar-reġim Lukashenka.</p> <p>Huwa jgħin finanzjarment bħala sponsor bosta klabbs sportivi, permezz tal-kumpanija Uninvest-M, biex b'hekk jikkontribwixxi għal relazzjonijiet tajbin mal-President Lukashenka."</p>